

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-27 ta' Marzu 2015

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Deutsche Bundesbank**

**(BĊE/2015/14)**

(2015/C 149/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti ta' Deutsche Bundesbank, Ernst & Young AG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft Steuerberatungsgesellschaft, intemm bl-awditu għas-sena finanzjarja 2014. Għalhekk huwa neċessarju li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2015.
- (3) Deutsche Bundesbank għażel lil KPMG AG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2015 sa 2020,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li KPMG AG Wirtschaftsprüfungsgesellschaft għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Deutsche Bundesbank għas-snin finanzjarji 2015 sa 2020.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-27 ta' Marzu 2015.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---